# Il-Lehma Wara l-Marċ Funebri (L-Ewwel Parti)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-artiklu tiegħi 'Il-marċi funebri u mużika oħra b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa fix-xogħlijiet tas-surmastrijiet Miruzzi, Attard u Pirotta', li deher fl-aħħar żewġ fuljetti ta' 'Is-Salvazzjoni Tagħna', kont għedt li Mro Antonio Miruzzi (1967-1944) – li dis-sena jaħbat proprju għeluq il-75 sena minn mewtu, li ġrat fit-23 ta' Ottubru – kien jinfluwenza ħafna ruħu mill-ġrajjiet soċjali u drammatiċi ta' żmienu (speċjalment matul l-Ewwel Gwerra Dinjija), u swewlu ta' ispirazzjoni għal biex jikteb għadd ta' marċi funebri. B'hekk hu seta' jikkomemora x-xeni ta' qsim il-qalb kull meta jinzerta jara l-funerali għaddejjin bil-vittmi tal-gwerra ta' Gallipoli fi triqithom lejn iċ-ċimiterju ta' Braxja, f'tarf il-Ħamrun. Ħafna drabi, dal-funerali kienu jkunu akkumpanjati mid-daqq kiebi tal-marċi funebri mill-baned Militari.

Kliem muftieħ: Lehma, Marċ funebru, Henry Purcell, George Frederic Handel, Ludwig van Beethoven, Antonio Miruzzi, Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'G.F. Abela' Junior College, Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn (Marsascala)

Qabelxejn, tajjeb ngħidu li għal Oliver Friggieri, 'l-ispirazzjoni hi s-setgħa li ġġiegħel jew tħajjar lill-artist biex joħloq.' (Dizzjunarju ta' Termini Letterarji). U għal dil-kelma ta' nisel Romantiku, f'ilsienna għandna il-kelma Maltija semitika tant sabiħa, 'lehma'. Tifsir ieħor ieħor għal dil-kelma hu: tinbiħa, tidwila, u anke illuminazzjoni (tidwil tal-moħħ); kif ukoll: istint, teħbira (M. Serracino-Inglott: Dizzjunarju Malti u teżawru ta' Malti mħaddem).



*Flatt Trumpet* bl-islajd (André Previn's Guide to Music: Mac Millan London 1983)

L-ispirazzjoni mhux biss lil Miruzzi kienet tiġi. Ħafna kienu dawk il-kompożituri li ġew qablu, fi żmienu, u warajh, li ispiraw ruħhom mill-avvenimenti li seħħew madwarhom matul il-ħajja twila jew qasira tagħhom, u li b'xi mod messew 'il-qalb sensittiva tagħhom. Jekk nieħdu bħala eżempju l-kompożitur Ingliż u ġgant tal-mużika Barokka, Henry Purcell (1659-95) insibu li hu kien ikkompona mużika funebra għall-funeral tar-Reġina Marija II tal-Ingilterra (1662-1694) li sar f'Marzu tal-1695, anki jekk hi kienet ilha mejta xi xahrejn qabel. Dil-mużika kienet tinkludi marċ u *canzona*, kif ukoll is-sentenza funebra, *Thou knowest, Lord, the secrets of our hearts*. Inċidentalment, Purcell kien miet qasir il-għomor fl-istess sena. Hemm min jgħid li miet kawża ta' riħ li hu imbokka meta darba fost l-oħrajn ġie lura bħas-soltu mit-teatru u sab li martu Frances kienet sakkritu barra fil-kesħa tal-lejl. Imma li jinteressana l-aktar hawnhekk hu l-marċ in Do Minuri għal kwartett ta' *flatt trumpets*, tip ta' trumbetti li jixbhu sew lit-trumbun slajd, u li allura setgħu jdoqqu saħansitra noti kromatiċi li normalment ma nsibuhomx f'tonalità partikolari.



Il-katubier: Illustrazzjoni ta' Paul Sharp (The Observer's Book of Music)

Minn daqshekk, dal-marċ hu mibni fuq il-mudell ta' kwalunkwe marċ funebru ieħor peress li jimxi bil-mod, b'pass meqjus, fi kjavi minuri, u f'temp ordinarju t'erba' taħbitiet kull battuta, biex b'hekk jiġi jixbah 'il purċissjoni funebra. U għad li ħadd ma jaf eżatt meta twieldu dal-marċi funebri, xi kotba antiki tal-mużika militari jgħidu li l-ewwel tax-xorta tagħhom kienu jikkonsistu biss f'taħbit lajman u sempliċi min-naħa ta' katuba, jew xi tanbur kbir ieħor. Mhux biss, iżda dawn kienu jkunu

mgħottijin ukoll b'xi biċċa faldrappa ta' lewn iswed li jissimbolizza l-mewt, u li fl-istess ħin jimmattja xi ftit il-ħoss normalment qawwi tagħhom għal atmosfera aktar kiebja. Maż-żmien imbagħad, it-taħbit monotonu tal-katuba nbidel f'wieħed aktar kumpless bl-introduzzjoni ta' ritmu li jikkonsisti fid-daqq tal-kromi bil-punt, imseħbin minn frażijiet qosra mdaqqa minn strumenti tan-nifs, li min-naħa tagħhom bdew jinsġu bejniethom xi armonija ħafifa, u li qajla tinbidel. Il-melodija wkoll, ġieli kienet tinkludi xi abbellimenti, magħmulin min-notini, fosthom it-trill – li jindaqq billi tirreplika b'ħeffa kbira żewġ noti li jmissu ma' xulxin – u li jirrappreżentaw id-daqq okkażjonali tar-roll fuq it-tanbur, li f'dal-każ hu magħmul minn ripetizzjoni ta' nota waħda b'ħeffa kbira. Il-marċ funebru ta' Purcell ukoll juża t-tnabar b'dal-mod biex aktar joħroġ fuqani il-ħoss solenni tal-kor tar-ram.




Fl-eżempju tal-ġenb jidhru l-ewwel erba' battuti tal-marċ li qed nitkellmu fuqu, li b'kollox jammonta għal 21 battuta. Eżatt warajh tiġi l-*canzona* b'żewġ taqsimiet replikati ta' tmien battuti l-waħda, bil-kurunetti jidħlu waħda wara l-oħra kif soltu nsibu f'passaġġ kuntrapuntali. Ma' tmiem dit-taqsima tan-nofs il-mużika terġa' tibda mill-marċ tal-bidu, biex b'hekk il-forma ssir waħda ternarja (a-b-a). It-temp hu mmarkat Adaġjo, li jfisser li l-mużika trid tindaqq bil-mod ħafna, fejn kull semiminima ddum daqs sekonda u nofs.


Samuel jidlek lil Sawl : Illustrazzjoni ta' Angus McBride (Bible Stories 1981)

Hemm imbagħad ukoll il-famuż marċ tal-mejtin (*Dead March*) ta' George Frederic Handel (1685-1759) – ġgant ieħor Ġermaniż, u mbagħad aktar tard, Ingliż, tal-mużika Barokka – li jindaqq fit-tielet u l-aħħar att tal-Oratorjo drammatiku 'Saul' tal-1738. Għalkemm qed fil-kjavi tad-Do Maġġuri, dal-marċ xorta waħda jista' jitqies bħala wieħed funebru. L-Oratorjo għandu test ibbażat fuq il-Bibbja ta' Charles Jennens (1700-73) u jittratta r-relazzjoni bejn Sawl (l-ewwel sultan t'Iżrael) u s-suċċessur eventwali tiegħu, David. Kif nafu mill-ewwel ktieb tal-profeta Samwel, ir-relazzjoni bejniethom kienet bdiet fuq sieq tajba meta l-Iżraeliti ħarġu rebbiħin fuq il-Filistej wara li David (bin Isaj il-Betlemita) qatel lill-ġgant Goljat b'sempliċi żbandola. Iżda Sawl, iben Ċis (mit-tribù ta' Benjamin), xorta waħda kellu jitlef saltnatu talli naqas milli jobdi lil Alla fil-gwerra ta' qabel kontra l-Amaleċiti. Fuq hekk, l-imħallef Samwel, fuq ordni t'Alla stess, dilek lil David bħala sultan tal-Lhud bil-moħbi tiegħu.


David ixejjer l-iżbandola biex joqtol lil Goljat. Illustrazzjoni ta' McBride (Bible Stories 1981)

Minn hemm 'il quddiem l-affarijiet bejniethom bdew jeħżienu tant, li Sawl kemm-il darba ried joqtol lil David minħabba l-għira u l-mibegħda li kellu lejh għal xejn b'xejn. Biex tgħaxxaqha, lil David kien naqsu milli jżewġu lil bintu l-kbira Merob kif kien wiegħed li jagħmel jekk jirbħu lill-Filistej. Minflok, David ħa lil oħtha Mikol. Ironikament, mhux l-ewwel darba wkoll li David intalab minn Samwel biex imur idoqq l-arpa u jgħanni quddiem ħatnu Sawl biex iderrilu kif jista' mid-dwejjaq kbar li ta' spiss kienu jaħkmuh. U biex il-kobba tkompli titħabbel, Ġonata, iben Sawl, kien ammiratur u ħabib kbir ta' David, speċjalment wara l-episodju ta' Goljat. Għedt

dan kollu biex nuri li ġrajja daqstant imżewqa taf tiftaħlek bieb l-imaġinazzjoni beraħ u l-muża ġġiegħlek tuża l-pinna, sew jekk int poeta, u sew jekk int kompożitur.

Iżda t-tmiem ikrah għal Sawl kien għadu ġej għax issa Alla kien dawwar wiċċu minn fuqu, u did-darba ried jagħti rebħa lill-Filistej bħala tpattija tax-xebgħat li qalgħu mingħand l-Israeliti. It-tlitt uliedu sfaw maqtulin bla ħtija waqt it-taqbida ħarxa li saret fuq il-muntanja ta' Ġelboe, filwaqt li hu neħħa ruħu b'idejh qabel ma s-suldati laħqu fuqu. Għad li kien l-għadu tiegħu, David beka fuq li beka għat-telfa ta' Sawl u t'uliedu, u fuq hekk għamel eleġija ta' swied il-qalb, mimlija bi kliem ta' ħniena, jisimha l-'Għanja tal-Ark' – peress li l-vleġġa kienet l-arma ewlenija tal-Filistej – u li kellu jkun wieħed mill-isbaħ kantiċi li jżejnu l-Iskrittura Mqaddsa.

U hawn fejn proprju jidħol l-imsemmi marċ funebru ta' Handel, f'forma ta' innu, li jintroduċi l-esekwji – dawk ir-riti u ċerimonji tal-funeral – għall-imwiet ta' Sawl u ibnu Ġonata. Fih insibu parti għall-orgni u trumbuni, li jalternaw mal-flawti, l-obwejiet u d-daqq kiebi tat-timpani. Illum il-ġurnata, dal-innu jindaqq tista' tgħid f'kull funeral statali, kif ġara f'dak ta' Winston Churchill, George Washington u Abraham Lincoln. Il-banda tal-forzi armati Ġermaniża wkoll għandha dal-marċ fir-repertorju bandistiku tagħha u jindaqq b'mod regolarment f'kull okkażjoni li tinqala'.


Napuljun Bonaparti jinkuruna lili nnifsu bħala Imperatur ta' Franza fl-1804

Marċ funebru ieħor magħruf ħafna hu dak tal-kompożitur Ġermaniż Ludwig van Beethoven (1771-1827), bl-isem ta' *Marcia funebre sulla morte d'un eroe*. Dal-marċ jifforma t-tielet moviment tas-Sonata għall-pjanu in La*b* Maġġuri, Op. 26, b'temp immarkat *Maestoso Andante*. Mhux magħruf x'seta' ispira lil Beethoven biex jikteb dal-marċ u għal-liema eroj kien qed jirreferi, u jista' jagħti l-każ li wara kollox ma kellu 'l ħadd f'moħħu meta ġie biex jiktbu. Frédérik Chopin (1810-47), il-Pollakk li fil-ħajja qasira tiegħu għanna bil-pjanu, u li bejn wieħed u ieħor għex fl-istess żmien ta' Beethoven, tgħidx kemm kien iħobb idoqq dis-sonata fil-kunċerti tiegħu, u aktarx li serviet t'ispirazzjoni għalih biex jikteb il-famuż marċ funebru tiegħu li nsibu fit-tielet moviment tas-Sonata Nru 2 in Si*b* Minuri, Op. 35, għall-pjanu wkoll.

Xi snin wara, Beethoven kiteb marċ funebri ieħor li jifforma t-tieni moviment tas-Sinfonija Nru 3 in Mi*b* Maġġuri, Op. 55, imlaqqma l-Erojka, li għal bidu kienet iddedikata lill-ġeneral Napuljun qabel ma għamel lilu nnifsu imperatur ta' Franza u ġie inkurunat minn Papa Piju VII. Il-marċ funebru, kif sejjaħlu l-kompożitur stess, itul mal-20 minuta sħaħ, u għandu l-istess forma ternarja bħalma nsibu f'oħrajn tas-seklu tmintax, bid-differenza li hawnhekk kull taqsima ġiet imwessgħa u żviluppata b'tali mod li t-tema prinċipali ssarrfet f'ritornell li soltu niltaqgħu miegħu fil-forma rondo.